# Daħla

Kif intom ħbieb?

Dan mhuwiex l-ewwel ktieb dwar Betta Trombetta. L-ewwel ktieb dwar din it-tifla mqarba kont stampajtu fl-1983, meta intom kontu għadkom lanqas biss twelidtu! Imma mhix ħaġa kbira li l-ġenituri tagħkom kienu qrawh fi tfulithom. Intant, billi ħafna minnkom għadkom qatt ma ltqajtu ma' din it-tifla ħsibt li jkun jaqbel li ngħidilkom xi ħaġa dwarha biex tifhmu l-istejjer aħjar.

Betta Trombetta toqgħod f'Ħal Faqqus. Dan ir-raħal ħa ismu mill-għadd kbir ta' faqqus il-ħmir li darba kien jikber fih. Iżda llum il-faqqus il-ħmir ma ssibux ħlief fl-isem tar-raħal, għax Ħal Faqqus ġie żviluppat u l-kampanja li kien fih imtliet b'ħafna bini ġdid. Ġo dar ġdida fi Triq Fażola toqgħod Betta, tifla ta' xi għaxar snin, mal-ġenituri tagħha u żewġ ħutha subien, Franco ta' sittax-il sena u Silvano ta' tliet snin. Magħhom joqogħdu wkoll in-nanna Marjanna u n-nannu Bennard. Dawn jiġu omm u missier il-mamà. In-nanniet l-oħra, Alberto u Marija, omm u missier il-papà, illum huma t-tnejn mejtin. Il-kunjom Trombetta wasal għand it-tifla mingħand in-nannu Alberto li kien Taljan. L-isem propju tat-tifla hu Eliżabetta, iżda billi dan hu kemxejn twil kulħadd isejħilha Betta għall-ħeffa.

Betta m'għandhiex moħħha ħażin, iżda l-istudju mhux ħabib tagħha. Tbati ħafna bil-burdati. Xi drabi ma jkollha aptit tkellem lil ħadd u drabi oħra taqbad

tgħid u ma tiqafx. Iġġib ruħha kif ikun jaqblilha, daqqa tilgħabha tal-ikbar ħmar u drabi oħra turi kemm tassew moħħha jilħqilha. Imma moħħha mhux dejjem tħaddmu. Sikwit taqta' bla ma tqis u tfattarha kif tiġiha f'rasha. Tħobb tippika ma' dak li jkun, u xi drabi tinki wkoll. Iżda qalbha mhix ħażina u malajr jiddispjaċiha jekk tkun daħħlet lil ħaddieħor f'xi biċċa għawġ.

Insomma, naħseb li għalissa għedtilkom biżżejjed. Jiena ċert li lil Betta se ssiru tafuha aħjar intom u taqraw l-istejjer tagħha. Għalhekk jaqbel li issa nħalli f'idejkom.

Insellmilkom,
Carmel G. Cauchi

# Meta Betta Ħadet Riħ

Is-sajf kien daħal ġmielu u Betta kien ilha tieħu ras il-mamà biex imorru ġurnata l-baħar. Imma l-idea xejn ma kienet togħġob lill-mamà għax din taf kemm tagħmel ħsara x-xemx speċjalment bejn il-ħdax ta' filgħodu u l-erbgħa ta' waranofsinhar. "Ġurnata sħiħa fix-xemx tagħmlilna d-deni, Betta," ippruvat tfiehem lit-tifla. "Il-baħar qegħdin immorru kważi kull nhar ta' Ħadd mill-erbgħa sas-sebgħa. Hekk qegħdin nevitaw il-karga tax-xemx u nieħdu gost xorta."

"Imma jekk immorru ġurnata nieħdu gost iktar, mamà," insistiet Betta. "U, jekk niġu f'dan, m'għandniex għalfejn noqogħdu ġurnata sħiħa fix-xemx. Nistgħu noqogħdu fil-garaxx taz-ziju Mike u z-zija Tessie. Kemm-il darba qalulna li nistgħu nqattgħu ġurnata hemm, meta rridu."

Betta sabet is-sapport tan-nannu Bennard li kellu xewqa kbira jqatta' nofstanhar jistad bħalma kien jagħmel meta kien iżgħar fl-età. U kemm biex tikkuntenta n-nannu, kif ukoll biex teħles mill-qrid u l-krib ta' Betta, il-mamà bdiet sa fl-aħħar titħajjar.

Meta tkellmet mal-papà dan għall-ewwel beda jlaqlaq imma mbagħad tħajjar ukoll. Għalhekk iddeċidew li jilqgħu l-istedina taz-ziju Mike u z-zija Tessie u jmorru jqattgħu ġurnata fil-garaxx tagħhom, il-Qawra. Il-papà

ħa ħsieb jibbukkja ġurnata frank mix-xogħol, in-nannu mar qala' l-qasba tas-sajd mill-kamra tal-imbarazz, u lkoll bdew jaħsbu x'kellhom jieħdu magħhom meta dak il-jum jasal. In-nanna Marjanna biss ma wriet ebda ħerqa, għax hi xejn ma tħobbu l-baħar.

Imma, kif jgħidu, ix-xitan m'għandux ħalib. Propju dakinhar li kellhom imorru l-baħar Betta sebħet bi griżmejha jaħarquha u tagħtas waħda f'waħda. Kien jidher ċar li kienet imbukkat xi riħ. "Qed tara x'ġara?" ċanfritha l-mamà. "Elf darba għedtlek biex ma tixrobx kiesaħ meta tkun sħuna! Imma int ma tobdix waħda minn mija! L-ewwel tmur tiġri u tilgħab u mbagħad tiġi tiftaħ il-friġġ u tixrob ir-ruġġjata kiesħa. Sa fl-aħħar ġejt fi kliemi u ħadt riħ! Issa ma tistax tiġi l-baħar għax taqbdek xi bronkite u tiġik agħar!"

In-nannu Bennard issuġġerixxa li jħallu dik il-ġurnata baħar għal darba oħra, biex Betta tilħaq tfiq. Kienet hi l-iktar waħda li rsistiet għaliha, u ma xtaqhiex titlifha. Iżda l-papà kien ħa l-*leave* mix-xogħol apposta u, barra minn hekk, ma xtaqx li jiddiżappunta lill-bqija tal-familja minħabba r-ras iebsa ta' Betta.

"Ara, intom morru l-baħar, u Betta u jien nibqgħu hawn," issuġġeriet in-nanna Marjanna. "Jien xorta waħda ma kontx ġejja magħkom. Nippreferi nibqa' hawn għax il-baħar ma nagħmilx għalih … xejn xejn, din it-tifla mqarba tieħu lezzjoni u titgħallem tobdi," temmet tgħid b'ħarsa nkejjuża lejn Betta. Imma għalkemm kulħadd daħak għal dak l-aħħar kumment tax-xwejħa, lil Betta xejn ma niżlilha għasel.

Is-suġġeriment tan-nanna għoġob lill-papà u lill-mamà. Għalhekk, wara ħafna twissijiet u rakkomandazzjonijiet, dawk li kienu għall-baħar rikbu l-karozza u rħewlha lejn il-Qawra, waqt li Betta baqgħet fis-sodda u n-nanna Marjanna qagħdet magħha bħala infirmiera.

M'għandniex xi ngħidu, Betta għamlet geddum sal-art. Mhux biss kienet se titlef dik il-ġurnata baħar li l-oħrajn kienu se jgawdu bis-saħħa tagħha, imma kien se jkollha toqgħod fis-sodda fis-sħana tas-sajf.

Għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu n-nanna Marjanna poġġiet it-termometru ġo ħalq Betta biex tara kellhiex deni. "Kemm għandi, nann, mija u erbgħa?" riedet taf Betta li kienet ġa tilfet sabarha fis-sħana tas-sodda. "U mur int, x'kull waħda!" daħket in-nanna b'nuċċali tond fuq il-ponta ta' mneħirha biex taqra t-termometru. "Għandek ftit inqas minn tmienja u disgħin grad. Dan hu normali, Bett … ma ħsibtx li għandek xi deni ta' żiemel, hux?"

"Mela la m'għandix deni ta' żiemel m'hemmx għalfejn noqgħod fis-sodda, nann," qalet it-tifla waqt li qabżet mis-sodda biex tibda tħuf mad-dar.

"Kollox sew," ikkonċediet in-nanna. "Imma titħabatx u ara ma tħarisx lejn il-bieb ta' barra, eh! Inti qiegħda hawn kemm għax ma tiflaħx u kemm bħala kastig talli ma tobdix."

Din tal-kastig lil Betta xejn ma kienet tinżlilha. Imma ddeċidiet li tkun bil-għaqal u tobdi lin-nanna, għax kieku mur ara x'gawża kienet tugżaha meta l-oħrajn jerġgħu lura mill-baħar! U jekk il-mamà

kienet taf tagħlaq għajn waħda, mal-papà ma tantx kienet tgħaddiha lixxa. Għalhekk għaddiet il-għodwa tqalleb il-kotba u tedha mal-ġugarelli. Għall-ħabta ta' nofsinhar kielu xi ħaġa li kienet ħejjiet in-nanna, u mbagħad ix-xwejħa marret tieħu dik is-siegħa sjesta li ma tfalli qatt. Sadattant Betta qagħdet tara xi vidjos, u mbagħad sabet dokumentarju sabiħ dwar l-annimali fuq it-televixin.

U tant qagħdet bil-għaqal Betta dakinhar li n-nanna Marjanna qamet f'burdata tajba u bdiet tiġiha ħasra minnha. It-tifla kienet tilfet ġurnata baħar u qattgħet il-jum ġewwa. U kemm għalhekk, kif ukoll għax anki hi kienet iddejqet ġewwa, ix-xwejħa ġietha l-ħajra li joħorġu ftit. "Ara, Betta," qalet lit-tifla bi ħlewwa mhux tas-soltu, "inti kont bil-għaqal u obdejtni, u l-oħrajn mhumiex ser jiġu mill-baħar qabel is-sebgħa jew it-tmienja. Għalhekk nistgħu noħorġu ftit. Tridx immorru nagħmlu żewġ passi, imqar sal-bandli?"

"Iva, nann, ejja mmorru l-bandli!" ferħet Betta. "Kemm nixtieq nitbandal ftit!" U qamet titfi t-televixin.

"Stenna! Stenna ftit!" waqqfitha n-nanna. "Trid twegħidni li ma toqgħodx titħabat iżżejjed fuq il-bandli u ż-żurżieqa, għax inkella jiggravalek ir-riħ, jitlagħlek id-deni u jkollok tibqa' ġewwa xi ħmistax!"

Betta wiegħdet lin-nanna li tobdiha u ħarġu mid-dar flimkien. Wara li mxew ftit Betta lemħet il-vann tal-ġelati u tħajret tixtri wieħed. "Ara ma ngħidlekx!" ħatfitha n-nanna. "Tixtri l-ġelat meta għandek riħ? ...

